MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 1062/2002

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Frankie Pace, iben Lawrence,
imwieled Pieta', fl-4 ta' Iulju, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat illi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
1. talli fl-4 ta' ottubru, 2001 f'xi ħin wara nofs in-nhar, f'Ħaż-Żabbar, ikkometta serq ta' cigarette vending machine kontenenti ammont ta' sigaretti u flus kontanti, għad-dannu ta' Alfred Mallia mill-Birgu u\jew tal-kumpanija Central Cigarettes, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin;

2. talli fil-15 ta’ frar, 2002 f’xi ħin matul il-ġurnata, minn tas-Sliema, ikkometta serq ta’ apparat tal-Hi Fi, kif ukoll oġġetti oħra mill-vetturi Peugeot 306, bin-numru tar-reġistrazzjoni BEL 025, Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG 465, u Honda CRX, bin-numru tar-reġistrazzjoni NFS 100, għad-dannu ta’ Aurelio Belli mill-Marsa, Robert Borg mis-Siġġiewi u Mark Joseph Barbara mis-Swieqi, rispettivament, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur;
3. talli fis-17 ta’ frar, 2002 f’xi ħin matul il-ġurnata, minn tas-Sliema, ikkometta serq ta’ apparat tal-Hi Fi mill-vettura Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni ITA 597, għad-dannu ta’ Marquita Farrugia mill-Gżira, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000);
4. talli fil-5 ta’ marzu, 2002 f’xi ħin matul il-ġurnata, minn Tal-Qroqq, limti ta’ l-Imsida, ikkometta serq ta’ apparat tal-Hi Fi u xi oġġetti oħra, mill-vettura Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni STV 199, għad-dannu ta’ Stephen Grima min-Naxxar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
5. talli fid-9 ta’ marzu, 2002 f’xi ħin fil-għodu, ikkometta serq ta’ xi oġġetti tad-deheb mill-ħanut ‘Tiata Jewellers’, Triq it-Torri, Sliema għad-dannu ta’ Robert Busuttil mis-Swieqi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000);
6. talli bejn l-4 ta’ ottubru, 2001 u id-9 ta’ marzu, 2002 f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-danni tal-persuni msemmija hawn fuq, liema ħsarakomplessivament tiskorri l-ħames mitt liri maltin (Lm500);
7. talli fit-12 ta’ marzu, 2002 u fix-xhur ta’ qabel, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ, u cioe’ l-affarijiet hawn fuq imsemmija u mobile phone tal-marka Motorola u car stereo tal-marka Clarion, misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
8. talli kiser il-probation a tenur ta’ l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-liġijiet ta’ Malta fejn kien ġie misjub ħati b’sentenza

tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' lulju, 2000 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-artikolu msemmi u talli kkometta reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-11 ta' ġunju, 2001

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' ottubru, 2003 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat qed jiskonta sentenza ta' priġunerija dwar is-sentenza sospiza tal-11 ta' ġunju, 2001 u li ġie kkundannat ukoll dwar is-sentenza tat-8 ta' lulju, 2000.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba' u tat-tmien akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi kollha l-oħra. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-akkużi tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Illi kkolabora mal-pulizija u wettaq dawn ir-reati biex imantni l-vizzju tiegħu tad-droga. Illi l-imputat qed jiskonta piena karċerarja dwar reati oħra. Semgħet lill-Probation Officer tiegħu. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Inoltre, tirrakomanda lill-awtoritajiet tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino li jagħtu l-għajnuna kollha possibbli lil Frankie Pace biex mhux biss jiġi riabilitat kontra l-vizzju tad-droga iżda jiġi mgħallem sena biex meta jiskonta l-piena tiegħu jsib ix-xogħol biex ikun jista jgħix deċentement.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------